MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2012

Numru 64/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**
**VS**
**BRIAN GREEN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Brian Green ta’ 41 sena, bin James u Salvina nee’ Mifsud, mwieled Pieta fit- 28 ta’ Mejju 1971, residenti 79, Rustica, Triq Massabielle, Qrendi u detentur tal- Karta tal- Identita bin- numru 248571M;

Talli ;

1) fl- 20 ta’ Jannar 2012 ghall- habta tal- 10.15pm gewwa Qrendi kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ ommu Salvina Green skont kif iccertifika Dr. Christ Zammit MD 3241 tal- isptar Mater Dei;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ missieru James Green ta bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidenteali u indipendenti mill- volonta tal- hati;

3) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ missieru James Green kif iccertifika Dr. T. Armatis mill-isptar Mater Dei;

4) aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi kkaguna lill- genituri tieghu James u Salvina Green jibzghu li ser tintuza vjolenza kontirhom jew kontra l-propjeta’ taghhom;

5) ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il- paci u l- ordni pubblika b’ ghajjat u glied;

6) finalment nakkuzaw lil Brian Green talli huwa sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50u 289 tal- Kodici Kriminali, b’ diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 21 ta’ Awwissu 2012, fejn gew indikati l-Artikoli li fuqhom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-parti leza, omm u missier l-istess imputat, irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kontra binhom, u talbu lill-Qorti sabiex iwaqqfu dawn il-proceduri kontra binhom, ai termini tal- Artikoli 543(e) u 545 tal-Kap 9;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216(1)(a)(c), 221(1)(4), 222(1)(a), 251B, 251C, 373, 543, 338(dd), 382A, 383, 384, 386, 412C, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 u Artikolu 2 tal- Kap 481 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------